# il-Gżejjer

IL-ĦAMES SENA | DIĊEMBRU 1976 | NRU. 64

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# Il-Milied it-Tajjeb



*Il-Bolli tal-Milied ta' Malta ta' din is-sena ġew iddisinjati minn Chev. Emvin Cremona fuq din il-pittura sabiħa. Is-set jikkonsisti f'erba' bolli b'dawn il-valuri : 1c + 5m, 5c + 1c, 7c + 1c5, u 10c + 2c. It-tieni ammont li jidher fuq kull bolla jinġabar u jmur għal karità.*

*Il-pittura innifisha, li tirrappreżenta lill-Madonna u l-Bambin ma' San Ġwann il-Battista, San Mikiel, San Kristofru u San Nikola, hija waħda mill-aħjar xogħlijiet ta' Domenico di Michelino, pittur magħruf tas-seklu ħmistax. Il-pittura tinsab għal wiri fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt.*

# DISKORS TAL-MINISTRU MUSCAT FIL-KONFERENZA ĠENERALI TAL-UNESCO

*Dr Muscat jidher joffri fergħa taż-żebbuġa Maltija lill-Ministru tal-Edukazzjoni tal-Kenja, Mr Taaita Towet li kien il-President tal-Konferenza.*



**F'Ottubru li għadda ġewwa l-Kenja, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Philip Muscat għamel appell lill-pajjiżi tad-dinja biex jgħinu lil Malta fit-triq li qabdet biex tilħaq il-vijabbiltà ekonomika.**

**Dr Muscat kellem lid-delegati minn madwar 137 pajjiż li attendew għad-19-il konferenza tal-UNESCO:**

Sur President, Kollegi, Delegati, Sinjuri,

Bħala r-rappreżentant ta' wieħed mill-aktar pajjiżi żgħar li qed jiżviluppaw fil-kommunità tan-Nazzjonijiet, Malta, inħossni onorat li nkun fostkom illum. Inħossni wkoll kburi li nkun hawn fl-istess livell tagħkom għax naf li l-pajjiżi huma kollha ugwali f'din l-Assemblea mhux minħabba l-kobor jew poter jew rikkezzi, iżda minħabba l-aspirazzjonijiet għal ħajja aħjar għall-poplu tagħhom u r-rispett li għandhom għal dak kollu li jtejjeb id-dinjità tal-bniedem.

Ir-raġuni għaliex jien qiegħed hawn illum hija biex inwassal l-ideali u l-għanijiet ta' pajjiżi. Iżda qabel nagħmel dan, xtaqt ngħidilkom x'qegħdin nagħmlu. X'inhuma l-aspirazzjonijiet tagħna bħala sfond għall-appell tiegħi lejkhom għall-għajnuna biex aħna nkunu nistgħu naslu għall-ideali tagħna?

L-għanijiet tagħna jmorru lil hinn mill-limiti tal-gżejjer tagħna. Aħna ninsabu f'pożizzjoni favorevoli geografikament biex inkunu pont bejn l-Ewropa u l-Afrika biex ngħinu l-pajjiżi tal-Mediterran jirrealizzaw u japprezzaw il-kulturi li għandhom. Aħna ilna nisħqu fuq il-ħtieġa għal aktar rispett minn kull naħa bejn l-pajjiżi Għarab u Ewropej li jdawwru l-Mediterran li nisperaw sinċerament għad isir baħar ta' paċi u mhux arena ta' gwerra. Aħna ħdimna ma' għadd ta' pajjiżi ġirien tagħna u naħseb li flimkien għamilna l-ewwel passi biex nifhmu, ngħinu u nap-

prezzaw lil xulxin aktar. Aħna għandna ambizzjonijiet kbar għall-Mediterran, mhux ambizzjonijiet għal poteri, iżda ta' paċi u prosperità. Bħala parti mportanti mill-ambizzjonijiet tagħna ta' paċi ('l barra anke mill-konfini tal-Mediterran), il-pajjiż tiegħi kellu vuċi ewlenija biex il-Ġnus Magħquda tieħu passi għall-użu paċifiku ta' qiegħ il-baħar. Aħna addottajna politika ta' newtralita u ħbiberija ma' kulħadd, u ngħinu lil dawk kollha li jissieltu kontra d-diskriminazzjoni, preġudizzju u njoranzi, u ġewwa Helsinki Malta bil-kuraġġ kollu reġgħet fissret l-għanijiet tagħha ta' paċi.

Sur President, il-ħbiberija tagħna, madankollu, ma kienitx limitata għall-Afrika u l-Ewropa: tabilħaqq, kieku wieħed iżur ġżiritna jirduna kif il-kultura ta' l-Asja tal-Lvant tinsab imħallta b'mod ta' fejda, maċ-ċivilizzazzjoni Islamika u dik tagħna Ewropeja Kristjana. Għaliex ix-xewqa kbira tagħna hija li nkunu ħbieb tagħkom ilkoll u li naqsmu flimkien dak li għandna ma' dak li tafu intom u dak li għandkom intom ma' dak li nafu aħna. Per eżempju, għandna stamperija moderna mgħammra bl-aqwa apparat li diġà ħadet ordnijiet minn pajjiżi qribna. Għandna wkoll tarzna li kapaċi taqdi ordnijiet malajr u b'mod effiċjenti. Il-fiduċja tagħkom fil-ħila tagħhom tkun xhieda tanġibbli tax-xewqa tagħkom li tgħinuna fi triqtna lejn il-vijabilita ekonomika. Fi gżiritna waqqafna wkoll ċentru għall-istudju tal-Lingwa u Kultura Għarbija kif ukoll Skola tas-Sajf għat-tagħlim ta' l-Ingliż lil studenti barranin.

Iżda aħna għandna ambizzjonijiet għal pajjiż għażiż tagħna wkoll. Bħal ma tafu tajjeb il-pajjiż tiegħi tista' tgħid ftit li xejn għandu riżorsi naturali u għalhekk ikollna niddependu mis-snajja, l-intelliġenza u l-bżulija tan-nies tagħna biex jirnexxilna ngħixu ta' nazzjon verament indipendenti. Irridu nedukaw il-poplu tagħna biex ikun dixxiplinat, mgħallem u kreattiv. Il-Gvern tiegħi għadu kif reġa' ġie elett demokratikament mill-poplu b'mandat ta' ħames snin oħra u għalhekk aħna se nkomplu bil-politika tagħna li nipprovdu l-aħjar edukazzjoni possibbli u taħriġ biex il-poplu tagħna jkun jiddipendi minnu nnifsu, biex iqiegħed pedamenti sodi għal-futur. Din il-politika mhux biss tinħtieġ sforzi kbar iżda qed tixorbilna ammonti konsiderevoli mir-riżorsi finanzjarji limitati tagħna.

Sur President, aħna determinati li nagħmlu kull sagrifiċċju biex nilħqu l-għanijiet tagħna fl-edukazzjoni u kultura. Matul l-aħħar ħames snin ftaħna 'kindergartens' għat-tfal bejn l-4 u l-5 snin f'kull belt u raħal. Dawn huma mgħammra modestament iżda huma bla ħlas. Ipprovdejna kampijiet tas-sajf għat-tfal kollha ta' l-iskejjel primarji u sekondarji sabiex anki l-vaganzi ikunu jistgħu iqattgħuhom f'attivitajiet sani u kulturali. Ftaħna skejjel għal dawk mentalment u fiżikament inkapaċitati u estendejna l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja għal dawk kollha taħt is-sittax-il sena. L-edukazzjoni f'Malta hija mingħajr ħlas — u din tinkludi l-Università. Għamilna minn kollox sabiex nestendu u mmexxu 'l quddiem l-edukazzjoni teknika — ftaħna skejjel tas-Snajja għat-tfal subien u bniet, estendejna korsijiet fl-Istituti Tekniċi u bħalissa qegħdin nirrijorganizzaw korsijiet fil-Polytechnic illi, bħal ma' wegħdna fil-programm elettorali, aħna lesti li namalgamaw flimkien ma' l-Università. Aħna bdejna wkoll naħdmu fuq programm ta' taħriġ għal dawk li jinsabu bla xogħol sabiex aħna nkunu nistgħu nagħtuhom is-snajja meħtieġa li bihom ikunu jistgħu jidħlu għal u jagħmlu xogħol produttiv.

Iż-żgħażagħ tagħna issa qegħdin jitgħallmu dawk is-snajja li jmexxuna 'l quddiem fit-teknoloġija sabiex aħna nkunu nistgħu nżidu l-produzzjoni tagħna u ntejbu il-bilanċ tal-pagamenti. Aħna bdejna proġetti sabiex nergħu nagħtu l-ħajja l-art mitluqa u nibdluha f'art produttiva u sabiex ninkoraġġixxu liż-żgħażagħ biex jirritornaw lejn l-art u jżidu l-produzzjoni ta' l-ikel. Qegħdin ukoll inħarrġu lis-sajjieda żgħażagħ fuq sistemi ta' sajd modern.

Kulħadd għandu jirrejalizza illi t-teknoloġija waħedha ma hix biżżejjed, u għalhekk qegħdin nagħmlu l-isforzi kollha sabiex ninkoraġġixxu l-isports, l-arti, il-mużika u d-drama fost l-istudenti tagħna kemm tfal u kemm kbar. Il-folklor tagħna tajnih spinta ġdida. Aħna rridu li ndaħħlu f'moħħ il-poplu tagħna, id-dixxiplina u l-atitudni li jgħin lilu nnifsu; u l-isforzi tagħna diġà ġew magħrufa minn pajjiżi oħra. Uħud minn dawn il-pajjiżi kienu ġenerużi magħna billi għenuna sabiex ngħinu lilna nfusna. Aħna ta' dan ninsabu grati iżda mhux ta' minn ilumna jekk aħna nibqgħu nitolbu lil ħbieb tagħna għal aktar għajnuna.

Għandna bżonn l-għajnuna f'forma ta' faċilitajiet ta' boroż ta' studju sabiex in-nies tagħna jitħarrġu barra minn Malta. Għandna bżonn 'coaches' għall-attività sportiva, għandna bżonn għajnuna fl-arti, fl-inġinerija u x-xjenza, libreriji, ħarsien ta' monumenti storiċi u tagħmir għall-iskejjel tagħna. F'dan ir-rispett, aħna nittamaw illi l-UNESCO tagħmel il-parti tagħha. Hawnhekk, ma nistax nżomm lura u ma nesprimix il-pjaċir tiegħi għal din il-laqgħa tad-Dsatax-il Sessjoni tal-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO hawn f'Nairobi: din turi simbolikament l-għarfien illi kull ma jmur qed iżjed jingħata kullimkien lil pajjiżi Afrikani.

Jiena, għalhekk, nieħu din l-opportunità biex bħala ġest simboliku ta' rieda tajba lejn din l-art li qed tilqagħna, nippreżenta lir-Rappreżentant tal-Kenja, u ċ-Chairman il-ġdid ta' din il-Konferenza l-Onor. Taaiter Towet, Ministru ta' l-Edukazzjoni — Repubblika tal-Kenja kif ukoll lid-Direttur Ġenerali Mr Amadon-M'Bow, fergħa weraq tażżebbuġa ...... simbolu tal-klima tal-Mediterran, tenaċi u qalba tajba ......bħala turija u awgurju ta' paċi internazzjonali, prosperità u ftehim, miġjuba lilkom minn Malta bħala l-Ħamiema tal-Paċi.



Il-Ministru Abela jindirizza l-laqgħa fil-Lukanda Verdala.

# 'MARKETING' U TMEXXIJA FL-INDUSTRJA

Matul ix-xahar ta' Novembru saru żewġ attivitajiet ta' importanza kbira fil-qasam kummerċjali-edukattiv ta' pajjiżna. Dawn kienu Seminar ta' ġimgħa ġewwa l-Università organizzat mill-Malta Institute of Management kif ukoll Laqgħa ta' ġurnata mtella' mill-Istitut Malti tad-Diretturi ġewwa l-Lukanda Verdala. Dawn iż-żewġ manifestazzjonijiet ġew indirizzati mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, in-Nutar Ġuże' Abela.

Fiż-żewġ okkażjonijiet l-Onor. Abela kellu kliem ta' tifħir għall-organizzaturi ta' dawn l-attivitajiet. Fil-ftuħ tas-Seminar tal-Malta Institute of Management il-Ministru faħħar l-inizjattiva li huwa stess kien ippropona fi Frar ta' din is-sena. Il-Ministru fakkar lil dawk kollha preżenti dwar il-ħtieġa li jkollna Managers imħarrġa tajjeb fix-xogħol tagħhom bil-għan li dawn ikunu jistgħu jagħtu s-sehem fejjiedi biex f'pajjiżna tinkiseb espansjoni industrjali permezz ta' bejgħ aktar fis-swieq barranin bil-għan li nilħqu dak li hemm imfassal fil-Pjan tas-Seba' Snin.

Fid-diskors tiegħu il-Ministru kompla emfasizza l-importanza ta' dan l-eserċizzju għaliex, kif qal huwa, l-effiċjenza industrjali permezz ta' produzzjoni akbar hija ndispensabbli biex aħna nilħqu dak li kulħadd jixtieq li jsir sa l-1979. Illum li f'pajjiżna hawn għadd sabih ta' ndustrji ta-poplu, jeħtieġ aktar minn qatt qabel li nsawwru *Managers* li jkunu kapaċi jmexxu fl-aħjar interess tal-ħaddiema u tan-Nazzjon.

Minbarra s-Seminar li nbeda fl-Università fit-8 ta' Novembru, nhar il-Ħamis 25 ta' l-istess xahar l-Istitut Malti tad-Diretturi organizza Laqgħa ta' Ġurnata ġewwa r-Rabat. Din il-laqgħa ġiet indirizzata f'diskors ta' l-egħluq mill-Ministru tal-Finanzi. Hawnhekk il-Ministru qal li fil-każ fejn hemm ċerti programmi ekonomiċi u jridu jintlaħħqu riżultati f'terminu ta' żmien determinat, kemm l-Industrja kif ukoll il-Gvern għandhom l-istess aspirazzjonijiet. Ħafna mill-punti li jirregolaw is-suċċess tal-Pjan tas-Seba' Snin jiddependu direttament minn dak li jinkiseb fuq il-front industrjali ta' pajjiżna.

Suċċess industrjali jfisser impiegi aktar għall-ħaddiema tagħna u għadd minn dawn il-postijiet tax-xogħol li sejrin jinħolqu aħna neħtiġuhom biex nakkomodaw il dawk li ser isibu ruħhom mingħajr xogol wara li tispiċċa l-bażi militari f'pajjiżna. Minbarra l-impiegi li dawn l-industrji jiġġeneraw, sejrin ukoll naraw dieħel hawn Malta gelgul ta' flejjes barranin li żgur jgħinu bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti Malti. L-industrji naturalment jgħinu biex jitkattar il-prodott nazzjonali u dan huwa fattur ewlieni li jiddetermina jekk nilħqux jew le l-aspirazzjonijiet politiċi u soċjali tagħna.

Il-programm elettorali tal-Gvern jgħid mingħajr tlaqliq kif l-industrja għandha tkun l-għajn prinċipali li tipprovdi l-ilma tal-ħajja għall-poplu Malti.

Biex forsi nifhmu aħjar dak li l-Gvern qiegħed jagħmel jeħtieġ li nħarsu l-ewwelnett lejn l-ambjent ekonomiku internazzjonali u mbagħad lejn dak lokali. Aħna pajjiż żgħir u għadaqstant ma nistgħux ninfluwenzaw il-korsa ekonomika dinjija, imma niġu għall-ambjent lokali, allura hawnhekk jiddependi minna u minna biss jekk nikkontrollawx is-sitwazzjoni bis-serjetà jew le. Minkejja li l-ebda ndustrja Maltija ma għandha l-mezzi biex tilqa' ruħha minn ċerti aspetti ħżiena 'l miżuri li l-Gvern jintroduċi biex jilqa' l-pajjiż minn sitwazzjonijiet partikolari jistgħu dejjem itaffu xi ftit id-dannu li kieku jsir.

(*ikompli fil-paġna l-oħra*)

# inti u l-liġi

*Jiena għandi dar li writt minn għand il-ġenituri. Dawn kienu tawha b'ċens għal sbatax-il sena. Issa ċ-ċenswalist se jsiefer u qed igħidli li biex jagħtini ċ-ċavetta ikolli nagħtih somma ta' flus rigal. Dan jista' jagħmlu?*

Jista'. Iżda mhux talli għamel xi benefikati fid-dar, għaliex fil-kuntratti ta' ċens, ġeneralment iċ-ċenswalist jobbliga ruħu li ma' jippretendi l-ebda ħlas ta' xi xogħlijiet (per eżempju xi kamra tal-banju, tisqif ta' xi bitħa) li jkun għamel fid-dar. Jista' jitlob somma biex iċedi is-snin li fadallu. Infatti hu jista' jikri d-dar, u meta jispiċċa c-cens ikollok tħabbat wiċċek ma kerrej. Aħsibha tajjeb!

* * *

*Wieħed mastrudaxxa ħa garage, b'kera. Barra milli jwettaq f'dan il-garage ix-xogħol normali ta' mastrudaxxa, qiegħed iħaddem ukoll xi magni ta' l-isserrar, li l-ħoss tagħhom qiegħed idejjaq u jiddisturba lill-ġirien. Dan jista' jsir?*

Meta jiġi biex jingħata permess bħal dan, ġeneralment jintalbu l-firem tal-kapijiet tal-familji ta' madwara. Il-permess jingħata minn Board speċjali taħt l-awtorita' tal-pulizija. Min kiteb din l-ittra, ma jagħmilx ħażin jikteb lis-Segretarju, Licensing Board, Police Headquarters, Floriana.

*Żewġi miet bla testment. Ommi ħallietli dar bi proprjetà. Jien nista' nbiegħ din id-dar mingħajr il-kunsens ta' wliedi?*

La din id-dar writtha minn niesek, ma tidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Mela inti tista' tbigħha mingħajr l-kunsens ta' uliedek. Il-liġi tippermettilek tbiegħ mingħajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni ta' ħadd. Jekk dan il-bejgħ jaqbilx jew le, jekk intix se tkun għaqlija jew le, araħ int.

* * *

*Jien noqgħod flimkien ma' żewġi u uliedi f'parti żgħira minn dar mikrija lil ommi. Jien inħallas il-kera ta' din il-parti, pero' mas-sid, il-kera qed tħallsu ommi. Jien tlabt li jkolli dar tal-Gvern. Issa jekk il-Housing jagħtini dar jew flat, ikun jista' joħroġ Requisition Order fuq il-parti tad-dar li qed nokkupa jien flimkien mal-familja? Ma nixtieqx li dan isir, għax ikun ta' tbatija għal ommi, li għamlitli pjaċir kbir.*

Il-Housing jista' joħroġ Requisition Order fuq il-parti tad-dar okkupata minnek. Tkun trid titħabat ommok biex tirranġa.

* * *

*Żewġi, illum mejjet, kellu nofs indiviż minn għalqa li hi mqabbla. In-nofs l-ieħor qiegħed fuq xi qrabat tiegħu. F'Santa Marija li għaddiet, aċċettajna l-qbiela, imma avżajna lill-kerrej li l-għalqa rriduha għall-bejgħ. X'għandna nagħmlu biex noħduha?*

Skond l-artikolu 4 tal-att Numru 16 tal-1967, kif emendat bl-att Numru 9 tal-1972, meta sid il-kera irid jieħu lura l-pussess ta' xi raba, hu għandu japplika lill-Bord tal-Qbiela permezz ta' rikors. F'dan ir-rikors, inthom bħala sidien, tridu tniżżlu għal liema raġuni tridu tieħdu l-għalqa lura, u tridu tagħmlu ukoll talba biex jiġi stabbilit xi tridu tħallsu lill-bidwi għall-benefikati.

---

## 'MARKETING' U TMEXXIJA FL-INDUSTRJA

*(jaqbad mal-paġna ta' qabel)*

Bħalissa d-dinja għaddejja minn żmenijiet koroh, qatt qabel minn l-1930 'l hawn ma rajna tħarbit ta' din ix-xorta fid-dinja ta' madwarna. Ir-reġim tal-paritajiet fissi li ġie determinat f'Bretton Woods fl-1944 spiċċa fix-xejn fl-1971. Minn dak in-nhar 'l hawn il-muniti kollha jinsabu telgħin u neżlin mal-irjieħ ta' tibdil ekonomiku li qed isir minn ġimgħa għall-oħra. Flimkien ma' dan it-taqlib monetarju rridu nħabbtu wiċċna ma l-inflazzjoni. Iż-żieda fil-prezz tal-enerġija hija responsabbli għal parti sewwa minn din l-inflazzjoni.

Meta wieħed joqgħod iqis x'ġara fil-pajjiżi l-oħrajn u mbagħad jara kif morna aħna, wieħed isib li lanqas morna ħażin. Biżżejjed ngħidu li l-produzzjoni industrjali hawn Malta fl-1975 kienet żdiedet darbtejn u nofs fuq dik ta' l-1970, jiġifieri minn £M39 miljun għal £M100 miljun. L-esportazzjoni kibret b'erba darbiet biex minn £M16-il miljun laħqet il-figura ta' £M64 miljun. Dan kollu nkiseb għaliex il-Gvern introduċa miżuri f'waqthom kull meta kien jeħtieġ.

---

Id-deċiżjoni li l-lira Maltija tinqata' minn ma' l-isterlina kienet waħda tajba kif kulħadd illum jaf sew. B'hekk ir-riservi tagħna ġew diversifikati f'muniti b'saħħithom u Malta ma ftaqritx kif kieku kien jiġrilha jekk konna nħallu flusna kollha marbutin mad-destin ta' l-Ingilterra. Il-kambju tal-lira tagħna vis-a-vis muniti oħrajn jgħin biex nixtru merkanzija barranija bi prezzijiet favorevoli. Punt ieħor li għen nikkontrollaw l-għoli tal-ħajja f'pajjiżna qiegħed fil-fatt li l-provvista ta' żejt aħna qegħdin inġibuha bl-aktar prezz favorevoli possibbli mingħand ir-Repubblika Għarbija tal-Poplu Libjan.

Il-Ministru temm jgħid li gżira bħall-Malta tiddependi għall-għajxien tagħha minn komunikazzjonijiet tajbin mad-dinja ta' madwar. Għalhekk sar titjib fit-telekomunikazzjonijiet, għalhekk twaqqfu l-Air Malta u s-Sea Malta, għalhekk l-ajruport qiegħed jiġi mkabbar.

Il-Ministru temm jgħid li issa l-Bank saru tal-poplu u s-sistema hija waħda soda li tgawdi l-fiduċja ta' kulħadd. Għalkemm forsi kien hawn Industrjalisti li ma qablux mal-politika ta' dan il-Gvern, dawn l-istess nies issa qegħdin ibierku b'idejhom it-tnejn dak kollu li tfassal mill-Gvern Laburista biex bnejna pedament industrjali sod għall-ġid ta' kulħadd.

# ..... fil-qosor

## L-AMBAXXATUR DANIŻ F'TAĦDITIET MAL-MINISTRU TAT-TURIŻMU

Mr W. F. McIlquham Schmidt, l-Ambaxxatur Rjali Daniż, dan l-aħħar kellu laqgħa ta' l-Onor. Daniel Piscopo, Ministru tat-Turiżmu, fil-Palazz. Is-suġġett tad-diskussjoni kien il-potenzjal ta' Malta bħala attrazzjoni turistika għall-poplu Daniż. Is-Sur J. C. Pollacco, Chairman tal-Bord tat-Turiżmu tal-Gvern ta' Malta, kien ukoll preżenti waqt il-laqgħa.

## MISS MALTA MILQUGĦA MILL-MINISTRU TAT-TURIŻMU

Miss Malta l-ġdida, is-Sinjorina Jane Saliba miż-Żurrieq riċentement ġiet milqugħa mill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. D. Piscopo, fl-Uffiċċju tiegħu fil-Palazz, il-Belt Valletta.

Il-Ministru ippreżenta xall tal-bizzilla lil Miss Malta fil-preżenza taċ-Chairman tal-Bord tat-Turiżmu tal-Gvern ta' Malta, is-Sur J. C. Pollacco. Kien preżenti wkoll is-Sur G. Gatt Mangion ta' G.M. Productions, l-organizzaturi tal-Miss Malta Contest.

F'diskors qasir, il-Ministru feraħ lil Miss Malta u esprima kull fiduċja fiha bħala rappreżentanta denja tal-Gżejjer Maltin.





## REVIŻJONI TA' PAGI U KUNDIZZJONIJIET AĦJAR TA' XOGĦOL

B'riżultat tat-taħditiet li saru dan l-aħħar bejn il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, il-Management Committee tat-Teatru Manoel u n-NACSS tal-GWU dan l-aħħar ġie ffirmat ftehim ġdid dwar reviżjoni ta' pagi u kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol għall-membri kollha ta' l-orkestra residenti tat-Teatru Manoel.

## LAQGĦA TAR-RAPPREŻENTANTI TA' LI SPORTS TAD-DIPARTIMENTI TAL-GVERN U PARASTATALI

Ftit żmien ilu, il-Ministru responsabbli għall-isports, l-Onorevoli Lorry Sant, kien kellem lill-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern u dawk Parastatali fuq il-ħtieġa li l-impjegati tagħhom jiġu nkoraġġiti jieħdu sehem attiv fl-isports. Il-Ministru kien qallhom biex kull settur jaħtar kumitat żgħir ta' l-isports biex jieħu ħsieb dan l-għan. Il-Ministru kien xtaq ukoll li minn fost dawn ir-rappreżentanti jiġi maħtur Kumitat Organizzattiv ta' dawn l-attivitajiet sportivi.

Il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru kienet saret laqgħa tar-rappreżentanti ta' dawn il-kumitati ta' l-isports fl-Aula Magna, il-Belt. Il-laqgħa kienet immexxija mis-Sur Carm Borg li fil-preżent hu l-uffiċjal inkarigat mis-sezzjoni ta' l-isports fil-Ministeru tax-Xogħol u Sports.

Is-Sur Borg qal fil-qosor x'inhu x-xogħol ta' dawn il-kumitati. Ġie mogħti tagħrif ukoll fuq il-faċilitajiet sportivi li se jkunu għad-dispożizzjoni tad-Dipartimenti. Dawn jinkludu ċ-Ċentru tal-Marsa, dak ta' Beltissebħ u dawk tal-Polytechnic.

Saret ukoll diskussjoni fuq il-problemi prinċipali u saru xi suġġerimenti biex dawn jiġu studjati mill-Kumitat Organizzattiv biex jiġu mressqa quddiem il-Ministru.

Wara saret l-elezzjoni tal-Kumitat Organizzattiv u dawn is-sinjuri flimkien mar-rappreżentanti tal-Pulizija u tal-Forzi Armati, ġew magħżula: — L. Borg, C. Cauchi, L. Portelli, A. Bajada, M. T. Chalmers, S. Clews, P. Bonnet, S. Sciberras, L. Azzopardi.

## L-ONOR. A. BARBARA TILTAQA' MA' L-AMBAXXATUR SVIZZERU

L-Eċċellenza Tiegħu Henri Monfrini, Ambaxxatur ta' l-Isvizzera għal Malta, dan l-aħħar kellu laqgħa mal-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara.

F'din il-laqgħa, huma iddiskutew il-possibilità ta' għajnuna teknika f'diversi oqsma ta' xogħol produttiv fil-waqt li ġie ikkonfermat titjib fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet tajba li ġa hemm eżistenti bejn iż-żewġ pajjiżi.



## BDOTI MALTIN GĦAL AIR MALTA

"Ninsab sodisfatt ħafna bil-progress li qed jagħmlu dawk il-Maltin li qegħdin jitgħallmu biex isiru bdoti ta' l-ajruplani ta' l-Air Malta".

Dan qalu s-Sur Salim, General Manager ta' l-Air Malta, wara li dan l-aħħar kien ġie lura mill-Pakistan.

Il-bdoti Maltin dalwaqt jibdew itiru bħala "supernumery" u wara ftit xhur oħra huma jibdew itiru bħala "third pilots" fuq ajruplani Boeing 720B. Xi wħud minnhom sejrin jibqgħu itiru fuq rotot tal-Pakistan International Airlines minn Karachi, mentri l-oħrajn se jkunu jtiru bl-uniformi ta' l-Air Malta fuq rotot ta' l-Air Malta minn Malta. Dan kollu qed isir sabiex dawn in-nies ikunu jistgħu jieħdu dik l-esperjenza meħtieġa bħala "third pilots" fl-iqsar żmien possibbli, qabel ma dawn isiru eliġibbli sabiex joħorġu bħala First Officers fuq l-Air Malta.

Is-Sur Salim qal illi r-rekluti l-oħrajn, fl-Aircraft Maintenance Engineering u fil-Flight Engineer Trainees, ukoll qegħdin mexjin 'il quddiem fit-taħriġ tagħhom.

## IL-MINISTRU TAL-KUMMERĊ F'LAQGĦA MAL-KUMMISSARJU GĦOLI AWSTRALJAN

Dan l-aħħar, il-Ministru tal-Kummerċ, l-Onor. Patrick Holland, iltaqa' mal-Kummissarju Għoli Awstraljan, l-E.T. Mr McMillan. Is-suġġetti ewlenin li ġew diskussi f'din il-laqgħa kienu t-titjib u l-espansjoni ta' skambji kummerċjali bejn Malta u l-Awstralja, il-wiri u l-bejgħ ta' artiġjanat u oġġetti oħra maħduma Malta fi ħwienet Awstraljani li jbiegħu bl-imnut, l-użu ta' Malta bħala ċentru tat-trasbord ta' prodotti Awstraljani għal pajjiżi fil-Mediterran u materji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru, is-Sur Robert Stivala.

## IL-MINISTRU D. PISCOPO JILTAQA' MA' L-AMBAXXATUR TA' L-ISVIZZERA GĦAL MALTA U L-KONSLU ONORARJU GĦAL MALTA F'NAPLI

L-Ambaxxatur Svizzeru għal Malta, is-Sur Henri Monfrini, kellu laqgħa wkoll mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. D. Piscopo. Is-Sur Monfrini u l-Ministru iddiskutew it-turiżmu lejn Malta mill-Isvizzera.

Aktar kmieni dak inhar stess, il-Ministru laqgħa lil Dr Michele Di Ganni, il-Konslu Onorarju għal Malta f'Napli.

## L-ONOR. W. ABELA JILTAQA' MA' L-AMBAXXATUR TAL-KOREA TA' FUQ

Dan l-aħħar fil-Berġa ta' Kastilja, l-Onor. Wistin Abela, Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, kellu laqgħa ma' l-Ambaxxatur tal-Korea ta' Fuq, l-Eċċellenza Tiegħu Mr Pak Djoung Kouk.

F'din il-laqgħa ġew diskussi materji ta' nteress komuni, fosthom il-fabbrika tal-"Handtools" u t-twaqqif tal-fabbrika tal-"Metal Products".



# IL-PROĠETT TAL-AJRUPORT



*Il-proġett ta' l-Ajruport il-ġdid ta' Ħal Luqa li qed jitwettaq mill-Ministeru tax-Xogħol u Sport taħt il-Ministru Lorry Sant, huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar ambizzjużi li qatt saru f'Malta.*



Ix-xogħol fuq dan il-proġett wasal fi stadju interessanti. Inbdew il-preparamenti meħtieġa biex jingħata l-Hot Asphalt (jew it-Tarmak kif inhu aktar magħruf). Il-kuntratt biex isir dan ix-xogħol speċjalizzat intrebaħ mid-ditta Viabit ta' l-Italja li diġà bagħtet il-makkinarju meħtieġ għal dan ix-xogħol. L-impjant wasal żmuntat ftit tal-ġranet ilu.

Minħabba l-preċiżjoni kbira li trid tintuża tul il-proċess kollu, u wkoll peress li l-makkinarju huwa ta' daqs relattivament kbir, kien meħtieġ li qabel ma jiġi immuntat issir sodda tal-konkrit biex isservi bħala pedament għal kull parti tal-makkinarju.

L-impjant jikkonsisti f'ħames 'hoppers', wieħed għal kull daqs ta' żrar li se jintuża, conveyor belt, dryer kbir, vibrating screens, mixer u kabina minn fejn jiġi kkontrollat l-impjant kollu.

Il-kisi tar-'runway' (tul ta' madwar 2½ mili u 200 pied wisa') se jkun immexxi minn nies speċjalizzati ta' l-istess kumpanija taljana, li magħhom se jkollhom ukoll l-għajnuna ta' ħaddiema lokali.

Hawnhekk ta' min isemmi li minbarra x-xogħol fuq ir-'runway', dan il-proġett hekk vast fih sensiela ta' xogħlijiet. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu l-kostruzzjoni ta' seba' mini li l-akbar waħda fosthom qed isservi biex jgħaddi t-traffiku minn taħt ir-'runway' li min-naħa ta' Luqa/Gudja jkun jista' jasal saż-Żurrieq. Din il-mina fiha żewġ kareġġati u hija twila 1,300 pied. Il-mini l-oħra jservu biex minnhom jgħaddu s-servizzi tad-dawl u l-'Aviation' u l-ilma tax-xita li jaqa' fuq l-ajruport. L-ilma li jinġabar jitwassal għal żewġ ġibjuni, wieħed fil-wied ta' Ħas-Saptan (4,500,000 gallun) u l-ieħor f'Bir Miftuħ (6,560,000 gallun). Il-kostruzzjoni ta' dawn il-ġibjuni hija wkoll parti minn dan il-proġett.

Saru diversi toroq ġodda (link roads) li se jieħdu post ċerti toroq oħra preżenti li qegħdin jintużaw bejn Ħal Luqa, iż-Żurrieq u l-Gudja. Dawn it-toroq ġodda huma twal bejn wieħed u ieħor 2½ mili. Triq oħra twila 1¾ mili pero' idjaq mil-link roads, hija dik imsejħa 'Periphery Road'. Parti minn din it-triq tieħu t-traffiku ta' bejn il-Gudja u Ħal Far u l-parti l-oħra se tintuża biex minnha jgħaddu l-inġenji tat-tifi tan-nar f'każ ta' inċident fuq ir-Runway.

Qabel ma beda x-xogħol fuq it-toroq, il-mini, il-ġibjuni u t-twittiegħ tar-runway kellu jsir kwantità kbira ta' qtugħ ta' blat u tneħħija ta' volum enormi ta' ħamrija. Din il-ħamrija intużat biex tiġi reklamata art mgħoxa fi bnadi oħra tal-pajjiż.

Dan il-proġett monumentali ġie ddisinjat u mfassal mill-Inġinier Mario Marra u qed jiġi esegwit mill-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi, Pijunieri, Dirgħajn il-Maltin u ħaddiema Awżiljari (Summer Workers) li kollha jaqgħu taħt il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant.







# KULTURA

## "IPOGEANA" --- Opra Ġdida Maltija



*Xena mill-Opra "Ipogeana".*

DAN l-aħħar fit-Teatru Manoel ġiet ippreżentata r-raba opra ta' Carmelo Pace — Ipogeana. Din l-opra hija kollha kemm hi Maltija, b'suġġett Malti, kompożitur Malti artisti Maltin u orkestra Maltija. Il-librett li fuqu ġiet imfassla l-opra huwa oriġinali; u ġie mfassal minn Dr V. M. Pellegrini. Il-kantanti li ħadu sehem, taħt it-tmexxija ta' Jos Sammut, kienu Antoinette Miggiani, Joe Vella Bondin, Joe Huber, Phyllis Bajada Abram, Marie Therese Vassallo, u Ronald Azzopardi Gaffari fil-partijiet prinċipali, li kollha għamlu l-aħjar li setgħu sabiex din l-opra tkun succèss. Il-kor ta' Gesu Nazzarenu taħt Patri Salv Galea OP ukoll ha sehem fil-waqt li "r-research" tal-kostumi ġie fdat f'idejn Maria Pisani.

## WIRI TA' FILMS

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Ottubru fid-9.00 p.m. ġiet inawgurata sensiela ta' films inkluża għażla l-aktar sinjifikanti ta' films Taljani li nħadmu dan l-aħħar.

Skond ix-xewqa tal-Ministru l-Onor. Agatha Barbara, li hija l-patruna, l-organizzaturi iddeċidew li juru dawn il-films f'żewġ teatri differenti jiġifieri fil-Plaza, tas-Sliema u fir-Rialto, Bormla.

Il-flus li ngabru minn din il-wirja inawgurali marru għall-Welfare Fund for the Needy. Il-President tar-Repubblika u Lady Mamo u l-Ambaxxatur Taljan u Signora da Rin kienu preżenti.

## L-AĦJAR KOMPOŻIZZJONIJIET TA' MUŻIKA SERJA MINN KOMPOŻITURI MALTIN — PREMJU 1976

Il-Kunsill tas-Soċjetà Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ flimkien mal-"Performing Rights Society" ta' Londra, permezz tar-Rappreżentanti lokali tagħha, Albert V. Mallia Ltd., għandhom il pjaċir iħabbru l-kompetizzjoni li ssir darba kull sentejn "MUSIC PRIZE 1976". Din il-kompetizzjoni hija bħala inċentiv għal kompożituri Maltin għall-aħjar kompożizzjonijiet ta' Mużika serja.

Jingħataw dawn il-premjijiet li ġejjin: L-Ewwel Premju: £M50; It-Tieni Premju: £M30 u It-Tielet Premju: £M20.

Minbarra dawn il-premjijiet, ir-rebbieħa jieħdu wkoll iċ-Ċertifikat ta' Mertu tas-Soċjetà.

Din il-kompetizzjoni bdiet fl-1962 permezz tal-mejjet Col. Albert V. Mallia.

Il-kompożizzjonijiet għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Amministrativ, Soċjetà Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, Palazzo de la Salle, 219 Triq ir-Repubblika, Valletta, bil-posta reġistrata, mhux aktar tard mill-5.00 p.m. tat-Tnejn 20 ta' Diċembru, 1976.

Ir-regolamenti tal-kompetizzjoni kif ukoll il-formola uffiċjali tad-dħul, li hija b'xejn, jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Soċjetà.

## ĠIMGĦA KULTURALI TALJANA F'MALTA

Bejn it-28 ta' Ottubru u t-3 ta' Novembru l-"Istituto Italiano di Cultura" flimkien mal-Kumitat tat-Teatru Manoel u l-Kumitat ad hoc li ġie mwaqqaf mill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, taħt l-awspiċji tal-Bord Kulturali Malti, għamel sensiela ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ġimgħa ta' Kultura f'Malta.

 minn MARIA CAMILLERI

## IL-ĦELU TRADIZZJONALI TAL-MILIED

# IL-KEJK TAL-MILIED

*Ikollok bżonn*

kwart ta' kuċċarina ħwawar mħallta
kwart ta' kuċċarina noċimuskata maħkuka
kwart ta' kuċċarina kanella
8 uqijiet zokkor ismar
mgħarfa għasal
2 uqijiet lewż mitħun
4 uqijiet ċirasa
4 uqijiet sultana
4 uqijiet żbib
mgħarfa anġelika mqatta' rqiq
½ qoxra maħkuka ta' lumija
qoxra maħkuka ta' larinġa
10 uqijiet dqiq komuni
½ kuċċarina bikarbonat
9 uqijiet butir
½ kuċċarina browning
2 uqijiet lewż mismut u mqatta' rqiq
4 uqijiet konfettura
8 uqijiet passolina
2 imgħarraf tuffieħa mqatta' rqiq ħafna
3-4 imgħaref brandy jew rum
½ kuċċarina melħ
4 bajdiet

---

*Kif tagħmlu:*

Għarbel flimkien il-melħ, il-ħwawar, in-noċimuskata, il-kanella, id-dqiq, u l-lewż mitħun. Sadanittant lesti l-frott — naddaf il-passolina u l-bqija tal-frott. Jekk il-passolina taħsilha (u dan jiswa ħafna) nixxifha sew fuq għatu tal-landa billi ddaħħlu ġo forn kemm kemm sħun filwaqt li tħalli l-bieba mbexxqa. Wara ħallatha mal-lewż, il-konfettura, u l-anġelika. Aħsel u nixxef iċ-ċirasa, imbagħad qattagħha b'biċċiet żgħar u gerbibha fi ftit dqiq. Ħabbat il-butir għalih. Wara żid iz-zokkor, il-qxur tal-larinġa u l-lumija u ħawwad kollox flimkien. Issa waddab il-browning u l-għasel, żid il-bajd mħabbat, waħda, waħda, u bejn bajda u oħra waddab ftit mill-ingredjenti li ħawwadt flimkien fil-bidunett.

Kompli ixħet ftit, ftit mit-taħlita tad-dqiq u l-frott mingħajr ma tħawwad ħafna sakemm tara li għandek bżonn titfa ftit likwidu (tuffieħa, brandy jew rum). Ħalli kollox kif inhu.

Qiegħed it-taħlita f'landa ta' 8 pulzieri li tkun lestejt minn qabel. Ilixxa l-wiċċ u ħaffer nofs il-wiċċ. Aħmi f'forn ta' madwar 350°F. (Gas Mark 4), iżda ftit wara baxxi n-nar għal 300°F. (Gas Mark 3). Il-landa għandek tpoġġiha fl-ixkaffa tan-nofs u jieħu madwar erba' sigħat sabiex isir.

Meta tara li l-kejk sar ħallih jibred għal madwar 10 minuti, wara neħħi l-karti u ħallieh jiksaħ. Hekk kif jiksaħ sew geżwru ġo karta oljata u agħlqu f'landa li ma tidħolx fiha arja.

Xi ġimgħa qabel ma tiksi l-kejk bil-ġelu, iksi l-wiċċ bil-jam u l-pastarjali u ħalli l-wiċċ jinxef sew.

---

*Almond Paste* (Il-Pastarjali)

libbra lewż mitħun
8 uqijiet icing sugar
2 bajdiet żgħar
½ kuċċarina essenza tal-lewż jew tal-vanilla.

Ħallat flimkien il-lewż mitħun u l-icing sugar f'bieqja. Żid il-bajd imħabbat u waħda mill-essenzi. Ħawwad it-taħlita b'furketta sakemm taraha iebsa. Ipprepara wiċċ ta' mejda mfarfra biz-zokkor fin, jew bl-icing sugar u bil-mod, il-mod, agħġen it-taħlita sakemm l-għaġina ma tibqax titfarrak.

---

*Royal Icing* (Il-Ġelu Irjali)

libbra icing sugar
3 abjad tal-bajd
kuċċarina meraq ta' lumija
ftit gliċerina
qatra blu (kulur ta' l-ikel jew tal-ħwejjeġ)

Ħabbat ħafif l-abjad tal-bajd. Wara itfa' l-icing sugar mgħarbul u kompli ħawwad sakemm tuża' qisu nofs iz-zokkor. Żid il-kulur flimkien mal-lumija u kompli ħawwad sakemm it-taħlita tal-ġelu tibbies u tibjad. Jekk trid it-taħlita ratba itfa' ftit gliċerina.

★ ★ ★

### BLALEN TAL-ĠELLEWŻ INKALJAT

### (*ROASTED NUT BALLS*)

*Ikollok bżonn*:

½ artal dqiq komuni
kwart u nofs marġerina
kwart ġellewż inkaljat u mqatta' f'biċċiet żgħar
bajda
2 imgħaref zokkor fin
2 imgħaref mastika
2 kuċċarini baking powder

*Taħlita*:

Farrak u ħallat il-butir mad-dqiq tajjeb, u żid l-ingredjenti l-oħra kollha f'salt. Ara li t-taħlita ma tkunx ratba iżżejjed. Ifforma blalen żgħar u aħmihom f'nar batut. Meta jkunu għadhom bojod iżda fl-istess ħin kemmxejn ibsin oħroġhom mill-forn, u kif ikunu għadhom jaħarqu geżwirhom fl-icing sugar sew. U hekk ikollok dawn il-blalen li l-forma tagħhom qisha dik ta' "*Snow Ball*".

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX



*Dehra Ġenerali tal-Kumpless Agrikolu*

Għawdex huwa l-Gżira tal-Biedja li fih siġar tal-frott u ornamentali ta' kull xorta. Għani fil-prodotti tar-raba' u fit-trobbija tal-bhejjem u tjur.

Billi Għawdex huwa pajjiż agrikolu, il-biedja tifforma s-settur prinċipali ta' l-ekonomija tal-Gżira. L-Agrikoltura hija kkultivata minn nazzjonijiet kollha u kkonsidrata bħala s-sinsla ta' kull pajjiż għax mill-art jiddependi kollox. F'kull żmien, l-aktar illum, bl'iżvilupp tax-xjenza, din l-industrija vitali rnexxilha tikseb riżultati mill-aħjar għal għixien tal-poplu li dejjem jikber.

Wieħed mill-proġetti li saru mill-Gvern Laburista f'dawn l-aħħar snin kien il-bini ta' kumpless agrikolu li hu ta' fejda għall-bdiewa, għas-sajjied u għal mara tad-dar. Wara li kien sar studju bir-reqqa dwar il-biedja f'Għawdex, il-Gvern Laburista fl-1958 bena l-ewwel Farm tal-Gvern kif ukoll il-Fabbrika tal-Ħalib. Wara dawn kien imiss li jitwaqqaf dan il-kumpless, u il-lum wieħed jista' jarah fil-post msejjaħ "It-Taflija" ma' ġemb il-Fabbrika tal-Ħalib. Dan jinsab fiċ-ċentru tal-Gżira viċin it-triq prinċipali li tieħu mir-Rabat għall-Imġarr.

Il-Kumpless Agrikolu jikkonsisti f'dawn:

a) Erbgħ Mħażen tal-Friża;
b) Biċċerija moderna;
c) Makna tas-Silġ;
d) Pitkali u Pixkerija.



▲ **Makkinarju għal 'Cold Stores'**

Dawn kollha huma magħmmra b'makkinarju modern. Il-Gvern ħaseb ukoll biex iħarreġ l-impjegati biex dan il-kumpless ikun jista' jaħdem effiċjenti u iġieniku.

## IL-COLD STORES

F'Għawdex ma kienux jeżistu mħażen tal-Friża fejn il-bdiewa u s-sajjieda setgħu jżommu l-prodotti tagħhom bħalma huma: laħam, ħut, bajd, frott u ħxejjex fil-friża. Dawn l-imħażen ħadu post il-makna tas-silġ antika li kienet ineffiċjenti biex taqdi l-bżonnijiet tal-bdiewa u tas-sajjieda. Huma kienu jaħlu ħafna ħin biex iġibu ftit silġ, u spiss kienu jilmentaw li ma jsibux biżżejjed silġ għall-ħut li kienu jaqbdu b'tant sagrifiċċju u mbagħad kien ikollhom jarmuh għax jeħżien. Iżda l-Gvern Laburista fl-1971 ħaseb għal dawn is-sajjieda u l-bdiewa. Il-mara tad-dar issa tista' wkoll ssib oġġetti ta' l-ikel li qabel ma kienitx issibhom.

## IL-BIĊĊERIJA

Il-Biċċerija li kellna f'Għawdex kienet saret antika u għal-hekk ma setgħatx tlaħħaq mal-ħtiġijiet li jitolbu ż-żmenijiet moderni. Nħass il-bżonn li titwaqqaf waħda ġdida u din il-ħolma twettqet.

**Xogħol fuq il-biċċerija l-ġdida**
▼



## IL-PITKALI

Il-bniedem li jrid iġib l-ikel mill-art irid jara kif itejjeb il-biedja u għalhekk il-Gvern li jaf bl-importanza tal-biedja, qed jagħmel minn kollox biex din l-industrija tqum fuq saqajha u tagħmel progress. Bosta drabi l-bidwi ma kienx igawdi b'mod xieraq il-frott ta' l-għaraq ta' ġbinu. Il-bdiewa kienu jitħallsu wara tul ta' żmien u bi ftit flus. Malli din il-pitkalija tibda taħdem, il-bidwi jista' jinqeda b'din il-pitkalija biex ibiegħ il-prodotti tiegħu bi prezzijiet tajba.

## PRODUZZJONI

In-numru ta' żgħażagħ li jridu jaħdmu fl-Agrikoltura kiber u dawn huma lesti biex jitgħallmu l-metodi moderni bil-għajnuna tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Jekk dawn il-bdiewa li jkunu mħarrġa tajjeb f'din is-sistema ġdida tat-trobbija ta' l-annimali, kultivazzjoni tas-siġar u fjuri dawn għandhom jagħmlu suċċess. Hekk il-produzzjoni tiżdied kemm għal gżejjer Maltin u kemm għas-swieq ta' barra.

**Cold Stores**
▼



## MAKNI

Fil-biedja, ix-xogħol li jsir bl-idejn huwa aħjar minn dak li jsir bil-makni. Iżda l-bidwi modern ma jistax iħalli barra l-għajnuna tal-makni. Huwa jaf li x-xogħol li jsir mil-makni huwa akbar minn dak li jsir minn idejh u għalhekk kuljum jagħmel użu minnhom ħalli jkabbar il-produzzjoni għas-suq.

Il-Gvern Laburista qed jagħti importanza kbira lill-industrija tal-Biedja u Sajd għax jaf li dawn għandhom sehem fl-ekonomija ta' pajjiżna. Dan il-Kumpless Agrikolu li hu ta' ħtieġa kbira se jkun iċ-ċentru tal-ħajja għall-bdiewa, is-sajjieda u għall-poplu Għawdxi kollu.

*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# IL-BELT VALLETTA

**Mill-Ktieb**
**"BLIET U RĦULA MALTIN"**
**ta' Alfie Guillaumier**



*Il-proġett ta' bini f'bieb il-Belt.*

L-art li fuqha nbniet il-Belt Valletta kienet muntanjuża u l-Għarab sejħulha Xagħret Mewwija, jiġifieri art bla maħduma. L-ogħla parti tagħha kienet magħrufa bħala Xebb-er-Ras.

Fl-1530 wasal f'Malta l-Ordni Ġerosolmitan li niżel il-Birgu. Sena wara l-Gran Mastru L'Isle Adam għamel proġett għal din l-art. Fl-1557 l-Inġinier Antonio Quinsani għamel pjanta, iżda kien wara l-Assedju li l-Gran Mastru La Valette midd għonqu biex iwettaq dan il-proġett. Il-Papa Piju V bagħat Malta l-inġinier tiegħu stess Francesco Lapparelli fl-1565 biex jagħmel pjanta tas-swar, filwaqt li Ġlormu Cassar u Bartilmew Genga għamlu pjanti oħra. Cassar xtaq li l-Belt tibqa' sejra sa fejn il-Bieb tal-Bombi. Intagħżlet il-pjanta ta' Lapparelli billi kienet tieħu inqas żmien u flus.

Nhar it-28 ta' Marzu, 1566, saret tinda kbira b'artal taħtha fejn kellha tinbena l-Knisja tal-Vittorja. Il-Gran Mastru semmiha VALLETTA bit-titlu ta' UMILISSIMA u qiegħed l-ewwel ġebla.

Fuq ix-xogħol tal-bini tas-swar ħadmu minn tmint elef sa disat elef ruħ. Xi swar minnhom ġibdu mas-sitt snin.

Wara l-mewt ta' La Valette laħaq Del Monte u l-art bdiet tinbiegħ irbgħajjejn il-qasba kwadra bil-patt li l-ġebel għandu jinqata' minn lok li kellu jkun Mandraġġ.

L-ewwel għadd ta' nies insibuh imniżżel fl-1667 u nsibu li kien hemm 1,891 dar u 10,744 ruħ. Fl-1890 kien hemm 23,900 ruħ u 3,600 dar.

## SANT'JERMU

Il-Forti li jiddomina d-daħla tal-Belt, il-Forti Sant'Jermu kien jeżisti qabel il-miġja tal-Kavallieri, iżda wara l-Assedju reġa' nbena f'għamla oħra u ta' qisien akbar.

## SAN ĠWANN

Il-Belt fiha għadd ta' Knejjes u palazzi. San Ġwann hija l-Knisja ewlenija. Inbena mill-Gran Mastru La Cassiere bi flusu. Dam jinbena erba' snin u sar fuq il-pjanta ta' l-arkitett Ġlormu Cassar. Fi żmien il-Gran Mastru Rafel Cotoner fl-1662-75 saret il-pittura tas-saqaf mill-magħruf Mattia Preti. Barra l-Kappella Sagramentali fiħ ukoll Kappella għal kull lingwa li kellha l-Ordni. Fl-oratorju insibu l-famuża pittura tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann, xogħol Mikielanġelo Merisi msejjaħ Caravaggio. L-arazzi li jiddendlu fil-knisja ġew magħmula mill-Gran Mastru Perellos fl-1770. Inħadmu fil-Belġju mid-ditta De Vos, kopji ta' pittura ta' Rubens. Taħt l-altar maġġur jinsab sotterran kripta li fiħ insibu bosta oqbra tal-Gran Mastri. Fost dawn insibu dak ta' L'Isle Adam, La Valette u La Cassiere.

## PALAZZ MAĠISTRALI

Fl-1569, Eustachio Del Monte bena dar għalih f'nofs il-Belt Valletta, li fil-bidu kienet ta'



*Il-Berġa ta' Kastilja mill-ajru.*

l-injam, iżda wara għamilha tal-ġebel. Il-Kunsill ta' l-Ordni ried li jinbena Palazz Maġistrali għall-belt il-ġdida u ddeċidew li jibnuh fejn hi Kastilja llum. Iżda l-Gran Mastru Del Monte ħajjar lill-Kunsill sabiex jixtri d-dar ta' Eustachio u jikkonvertiha f'Palazz Maġistrali. L-arkitett Ġlormu Cassar hejja l-pjanti tal-palazz il-ġdid li kellu jingħaqad ma' dak li kien diġà hemm. Ma' tant ħwejjeġ li għamlu l-Gran Mastri insibu li Perellos kesa s-sala tal-Kunsill bl-arazzi — tapezzerija maħduma fi Franza mill-fabbrika Gobelin fl-1713. Sa ftit xhur ilu f'din is-sala kien jiltaqa' l-Parlament Malti. Fil-kamra kbira fejn qabel kien hemm l-armerija issa tiltaqa' l-Kamra tar-Rappreżentanti. Id-disinn ta' din il-kamra ġie fdat f'idejn il-Perit Richard England.



*Is-Sala l-ġdida tal-Parlament.*

IL-BEREĠ

Mal-bini tal-Belt il-ġdida bdew telgħin il-Bereġ, li sebgħa minnhom saru fuq id-disinn ta' Ġlormu Cassar. Il-Kavallieri, imqassmin kollha skond il-Lingwa tagħhom, bnew għalihom biex kull nazzjon ikollu l-palazz tiegħu.

Ta' Provenza — mibnija mill-Kavallieri Spanjali. Fl-1958, wara li għamlet snin bħala Union Club ġiet miftuħa bħala Mużew Nazzjonali.

Ta' l-Italja — inbniet mill-Kavallieri Taljani fl-1683. Illum insibu fiha l-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta.

Ta' Aragona — mibnija mill-Kavallieri Spanjoli. Tinsab fi Pjazza Indipendenza u llum fiha l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Tal-Ġermanja — quddiem dik ta' Aragona li ma kellha xejn dehra sabiħa. Bejn l-1838-39 twaqqgħet biex flokha tela' l-Kattidral tal-Protestanti.

Ta' Auvergne — kienet fejn illum hemm il-Qrati wara li waqgħet f'April, 1941.

Ta' Franza — aktarx inbniet fl-1588. Fl-1942 din il-berġa waqgħet bil-ħidma ta' l-għadu u fl-1957 is-sit tagħha ingħata lill-General Workers' Union u issa hemm mibni l-Workers' Memorial Building.

Tal-Bavaria — mibnija qrib Sant'Jermu. Fl-1914 ittieħdet bħala Officers' Mess. Fil-gwerra 1914-18 saret sptar. Mill-1925 'il quddiem saret Skola Primarja. Illum fiha l-uffiċini tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Ta' Kastilja — l-isbaħ berġa li hemm fil-Belt, kemm għall-arkitettura kif ukoll għall-kobor tagħha. Minħabba li din il-Berġa ġiet mitluqa mis-Servizzi Ingliżi fil-bidu ta' Marzu, 1972, ġiet okkupata mill-Gvern, irranġawha u saret ir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru. L-ewwel Prim Ministru li okkupaha kien l-Onor. Dom Mintoff.

Il-Biblijoteka — edifiċju mibni mill-Gran Mastru de Rohan fl-1796 kien l-aħħar bini mportanti taħt il-Kavallieri.

Is-Sacra Nfermiera — nbniet matul il-ħakma tal-Gran Mastru La Cassiere. Illum insibuha bħala n-Knights Hall. Dan l-isptar kien aktarx l-aqwa wieħed fid-dinja f'dak iż-żmien.

It-Teatru Manoel. Dan it-teatru li hu l-eqdem wieħed ta' l-Ewropa ġie mibni mill-Gran Mastru Vilhena. Maż-żmienijiet sarulu ħafna tibdiliet fl-istruttura tiegħu. Mal-bini tat-Teatru Rjal għadda minn kriżi kerha u kien anke nbidel f'dormitorju għat-tallaba. Wara l-gwerra kien inbiegħ u sar talkies. Fi żmien il-Gvern Laburista (1955-58) reġa' nxtara biex isir Tijatru mill-ġdid u wara li ġie restawrat sewwa nfetaħ f'Diċembru, 1960.



*Dehra isbaħ mill-Barrakka ta' Fuq.*



IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN